Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fl-20 ta' Diċembru 2017 [1]

**Kawża C-258/16**

**Finnair Oyj**
**vs**
**Keskinäinen Vakuutusyhtiö Fennia**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja))

"Trasport internazzjonali bl-ajru — Il-Konvenzjoni ta' Montreal — Artikolu 31 — Responsabbiltà tat-trasportatur għal ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in — Rekwiżiti dwar il-forma u l-kontenut ta' lment bil-miktub magħmul lit-trasportatur — Ċertifikat minn kumpannija tal-ajru dwar ħsara f'bagalji ta' passiġġier, magħmul fuq talba tal-passiġġier għal użu għal talba kontra l-kumpannija ta' assigurazzjoni tal-passiġġier"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, iffirmata f'Montreal fit-28 Mejju 1999 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Montreal"), u b'mod iktar speċifiku r-rekwiżiti tal-Artikolu 31 tagħha li lmenti dwar bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in għandhom isiru "bil-miktub" u fi żmien sebat ijiem mill-wasla tal-bagalji.

2. It-talba saret fi proċeduri bejn kumpannija ta' assigurazzjoni (il-Keskinäinen Vakuutusyhtiö Fennia, iktar 'il quddiem "Fennia") u kumpannija tal-ajru (Finnair), dwar dannu mġarrab mit-telf ta' oġġetti minn bagalji li kienu għaddew miċ-check-in proprjetà ta' Mäkelä-Dermedesiotis, li kienet passiġġiera fuq titjira ta' dik il-kumpannija. Mäkelä-Dermedesiotis kienet għamlet assigurazzjoni ma' Fennia kontra tali telf, u Fennia, wara li tat kumpens lil Mäkelä-Dermedesiotis u ġiet issurrogata għat-talba tagħha, ressqet proċeduri biex tirkupra mingħand Finnair.

## Ir-Regolament Nru 2027/97

3. L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 [2] jgħid:

"Dan ir-Regolament jimplimenta d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni ta' Montreal fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru u jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet supplimentari [...]"

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Regolament tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbilta ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 3, p. 489), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 6, p. 246).

4. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2027/97 jgħid:

"Ir-responsabbiltà ta' trasportatur bl-ajru [tal-Unjoni Ewropea] fir-rigward ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom tiġi regolata mid-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni ta' Montreal pertinenti għal din ir-responsabbiltà."

## Il-Konvenzjoni ta' Montreal

5. Il-Konvenzjoni ta' Montreal kienet approvata f'isem li dak iż-żmien kienet il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE [3].

6. Skont it-tielet premessa tal-Konvenzjoni ta' Montreal, il-partijiet għall-konvenzjoni jirrikonoxu "l-importanza li tiġi assigurata l-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi fit-trasport internazzjonali bl-ajru u l-bżonn għal kumpens ekwu bbażat fuq il-prinċipju ta' restituzzjoni".

7. F'dan ir-rigward, il-ħames premessa tgħid li "l-azzjoni kollettiva mill-Istat għal armonizzazzjoni u kodifikazzjoni akbar ta' certi regoli [...] permezz ta' Konvenzjoni ġdida hija l-mezz l-aktar adegwat biex jiġi akkwistat bilanċ ekwu ta' l-interessi".

8. L-Artikolu 1 ("L-iskop [kamp] ta' applikazzjoni") jgħid li l-Konvenzjoni ta' Montreal tapplika "għat-trasport internazzjonali ta' persuni, bagalji jew merkanzija kollha mwettqa bl-inġenji tal-ajru għall-ħlas."

9. L-Artikolu 17 huwa intitolat "Mewt u inġurji tal-passiġġieri – dannu lil bagalji". Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu essenzjalment jipprovdi li t-trasportatur għandu jkun strettament responsabbli għal ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in.

10. Limiti fi flus għar-responsabbiltà ta' trasportaturi dwar, *inter alia*, bagalji li ġarrbu ħsara huma stabbiliti fl-Artikolu 22.

11. L-Artikolu 29 ("Bażi tal-pretensjonijiet") jipprovdi li "kull azzjoni għal danni" li tirriżulta mit-trasport ta' bagalji tista' titressaq biss bla ħsara għall-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fil-Konvenzjoni.

12. L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal, intitolat "Notifika fil-ħin tal-pretensjonijiet", jgħid dan li ġej:

"1. Riċevuta mill-persuna intitolata għall-kunsinna ta' bagalji jew merkanzija kkontrollata mingħajr ilment hija prova *prima facie* li l-istess ġie kkunsinnat f'kondizzjoni tajba u skond id-dokument ta' trasport jew ir-reġistru ppreservat bil-mezzi l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 [...] [[4]].

2. Fil-każ ta' dannu, il-persuna intitolata għall-kunsinna għandha tilmenta lit-trasportatur minnufih wara l-iskoperta tad-dannu, u mhux aktar tard minn sebat ijiem mid-data ta' l-irċevuta fil-każ ta' bagalji kkontrollati [...] Fil-każ ta' dewmien, l-ilment għandu jsir mhux iktar tard minn 21 jum mid-data li fiha l-bagalji [...] [jkunu] tqiegħdu għad-disposizzjoni tiegħu jew tagħha.

3. Kull ilment għandu jsir bil-miktub u jingħata jew jintbagħat fiż-żminijiet imsemmija fuq.

3 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2001 dwar il-konklużjoni tal-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjoni bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal) (ĠU 2001 L 194, p. 38).

4 L-Artikolu 3(2) jipprovdi li "Kull mezz ieħor li jippreserva [ċerta informazzjoni dwar il-postijiet ta' tluq u wasla u, fejn ikun japplika, postijiet ta' waqfien] jista' jiġi ssostitwit għall-kunsinna tad-dokument [ta' ġarr]. Jekk jintuża xi mezz ieħor bħal dan, it-trasportatur għandu joffri li jagħti lill-passiġġier dikjarazzjoni bil-miktub ta' l-informazzjoni hekk ippreservata."

4. Jekk ma jsir l-ebda lment fiż-żminijiet imsemmija, ma jkun hemm l-ebda azzjoni kontra t-trasportatur, ħlief fil-każ ta' frodi da parti tiegħu."

**Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

13. Mäkelä-Dermedesiotis kienet passiġġiera fuq titjira ta' Finnair minn Malaga (Spanja) għal Helsinki (il-Finlandja). Mal-wasla tagħha f'Helsinki fl-1 ta' Novembru 2010 hija sabet li xi oġġetti kienu neqsin mill-bagalji li hija kienet għaddiet miċ-check-in.

14. Mäkelä-Dermedesiotis għarrfet b'dan bit-telefon dak l-istess jum lir-rappreżentant għas-servizzi għall-klijenti ta' Finnair. Hija identifikat l-oġġetti mitlufa u għarrfet lir-rappreżentant bil-valur tagħhom. Ir-rappreżentant daħħal l-informazzjoni mogħtija minn Mäkelä-Dermedesiotis fis-sistema ta' informazzjoni elettronika ta' Finnair. Fit-3 ta' Novembru 2010 Mäkelä-Dermedesiotis reġgħet ċemplet lis-servizzi għall-klijenti ta' Finnair biex tikseb ċertifikat għat-talba tagħha skont il-polza ta' assigurazzjoni tagħha ma' Fennia. Finnair debitament ħarġitilha dan iċ-ċertifikat.

15. Fennia mbagħad ikkumpensat lil Mäkelä-Dermedesiotis għat-telf li kienet ġarrbet u, billi kienet issurrogata fit-talba oriġinali ta' Mäkelä-Dermedesiotis – bdiet proċeduri fit-2 ta' Settembru 2011 quddiem il-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti Distrettwali, Helsinki, il-Finlandja) fejn talbet ħlas lura mingħand Finnair.

16. Finnair ikkontestat il-proċeduri billi ssottomettiet li essenzjalment it-talba għall-ħlas lura kienet dekaduta minħabba li Mäkelä-Dermedesiotis ma kinitx ippreżentat ilment bil-miktub fiż-żmien stabbilit fl-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal. Il-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti Distrettwali, Helsinki, il-Finlandja) iddeċidiet favur Finnair u ma laqgħetx it-talba ta' Fennia b'sentenza tal-4 ta' Settembru 2012.

17. Fennia appellat quddiem il-Helsingin hovioikeus (il-Qorti tal-Appell, Helsinki, il-Finlandja). Dik il-qorti eżaminat, *inter alia*, l-istruzzjonijiet lil passiġġieri fuq il-website ta' Finnair, li kellhom indikazzjonijiet differenti għall-għoti ta' avviż ta' lment u biex attwalment isir ilment bil-miktub. Avviż ta' lment seta' jsir bit-telefon, filwaqt li lment bil-miktub kellu jsir billi tintuża formola partikolari fi żmien sebat ijiem mill-wasla tal-bagalji. Il-qorti qieset li l-istruzzjonijiet tal-website ta' Finnair "ma kinux ċari biżżejjed u mhux ambigwi għal passiġġier bħala klijent". Minħabba li l-istruzzjonijiet ma kinux isemmu għal liema għan kellu jsir l-avviż ta' lment, il-passiġġier, bħala konsumatur, seta' leġittimament jifhem li lment magħmul bit-telefon u rreġistrat minn impjegat tal-impriża kien jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' lment bil-miktub formali. Il-passiġġiera kienet tat avviż lil Finnair li fih iddeskriviet b'mod preċiż it-telf u kienet irċeviet ċertifikat bil-miktub, li minnu kien jidher li l-ilment kien iddaħħal f'waqtu fis-sistema ta' informazzjoni ta' Finnair. Meta rċeviet l-avviż ta' lment Finnair ma għarrfitx lill-passiġġiera li Finnair kienet tqis li tali avviż ma huwiex suffiċjenti sabiex hija tinżamm responsabbli u li kien jeħtieġ jintbagħat avviż ieħor bil-miktub.

18. Il-Helsingin hovioikeus (il-Qorti tal-Appell, Helsinki) ikkonkludiet, abbażi ta' dawn il-fatti, li l-passiġġiera kienet għamlet ilment validu f'waqtu kontra t-trasportatur. B'sentenza tat-28 ta' Frar 2014, dik il-qorti annullat is-sentenza tal-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti Distrettwali, Helsinki) u ordnat lil Finnair tħallas lura lil Fennia.

19. Finnair appellat quddiem il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja), billi talbitha tannulla s-sentenza tal-Helsingin hovioikeus (il-Qorti tal-Appell, Helsinki) u tikkonferma s-sentenza tal-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti Distrettwali, Helsinki).

20. Il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) L-Artikolu 31(4) tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi kkonservat id-dritt ta' azzjoni, huwa neċessarju, minbarra li jingħata avviż ta' lment fi żmien xieraq, li l-ilment isir bil-miktub fit-termini previsti fl-Artikolu 31(3)?

(2) Jekk, sabiex jiġi kkonservat id-dritt ta' azzjoni, ilment għandu jsir bil-miktub fi żmien debitu, l-Artikolu 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit tal-kitba jista' jiġi ssodisfatt bi proċedura elettronika flimkien mar-reġistrazzjoni tad-dannu f'sistema ta' informazzjoni tat-trasportatur?

(3) Il-Konvenzjoni ta' Montreal tipprekludi interpretazzjoni li biha r-rekwiżit tal-kitba jitqies li ġie ssodisfatt meta, bl-għarfien tal-passiġġier, rappreżentant tal-vettur iniżżel bil-kitba l-avviż ta' lment/l-ilment jew fuq karta jew elettronikament fis-sistema tat-trasportatur?

(4) L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal jissuġġetta lment għal rekwiżiti sostantivi oħra li jmorru lil hinn milli jingħata l-avviż lit-trasportatur tad-dannu subit?"

21. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi minn Finnair, mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni Ewropea.

22. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017, Finnair, Fennia u l-Kummissjoni Ewropea għamlu sottomissjonijiet orali.

## Analiżi

### *Osservazzjonijiet preliminari*

23. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Montreal ilhom parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea sa mit-28 ta' Ġunju 2004 u l-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, għandha ġurisdizzjoni tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni tagħhom [5].

24. Il-Konvenzjoni ta' Montreal ma tagħtix definizzjoni tal-espressjonijiet "għandu jsir bil-miktub" jew "bil-miktub". Għaldaqstant, "fid-dawl tal-għan tal-imsemmija konvenzjoni, li huwa dak tal-unifikazzjoni tar-regoli dwar it-trasport bl-ajru internazzjonali, [dawk it-termini għandhom jingħataw] interpretazzjoni uniformi u awtonoma, minkejja s-sens differenti mogħti lil [dawn il-kunċetti] fil-liġi nazzjonali tal-Istati partijiet għal din il-konvenzjoni" u "[għandhom jiġu interpretati] skont ir-regoli ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali ġenerali li huma vinkolanti għall-Unjoni." [6]

25. B'rabta ma' dan, l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq id-Dritt tat-Trattati (iktar 'il quddiem il-"KVDT") [7], li tikkodifika r-regoli tad-dritt internazzjonali ġenerali, jgħid li trattat għandu jiġi interpretat in bona fide skont is-sens ordinarja li għandu jingħata lit-termini tiegħu fil-kuntest tagħhom, u fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tiegħu [8].

5 Ara s-sentenza tas-6 ta' Mejju 2010, Walz (C-63/09, EU:C:2010:251, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Mejju 2010, Walz (C-63/09, EU:C:2010:251, punti 21 u 22) (il-passaġġi ċċitati huma dwar id-definizzjoni tal-kelma "dannu" fl-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Montreal).

7 Iffirmata fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 1155, p. 331).

8 Ara s-sentenza tas-6 ta' Mejju 2010, Walz (C-63/09, EU:C:2010:251, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26. Dwar dawn tal-aħħar, it-tielet u l-ħames premessa tal-Konvenzjoni ta' Montreal jirreferu "[għal]l-importanza li tiġi assigurata l-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi fit-trasport internazzjonali bl-ajru u l-bżonn għal kumpens ekwu bbażat fuq il-prinċipju ta' restituzzjoni" u għal azzjoni kollettiva tal-Istat permezz ta' Konvenzjoni ġdida li tkun "[i]l-mezz l-aktar adegwat biex jiġi akkwistat bilanċ ekwu ta' l-interessi".

## *Fuq l-ewwel domanda*

27. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk azzjoni kontra t-trasportatur għal ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in hijiex prekluża skont l-Artikolu 31(4) tal-Konvenzjoni ta' Montreal meta lment ikun sar fit-termini stabbiliti fl-Artikolu 31(2) iżda meta dan l-ilment jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit li jkun sar "bil-miktub" skont it-tifsira tal-Artikolu 31(3) tagħha.

### *Osservazzjonijiet preliminari – "telf ta' bagalji" jew "ħsara f'bagalji"*

28. Wieħed jiftakar li t-talba oriġinali ta' Mäkelä-Dermedesiotis kienet dwar oġġetti li kienu ppakkjati ġewwa l-bagalji tagħha li kienu għaddew miċ-check-in, oġġetti li kienu nieqsa meta l-bagalji twasslulha f'Helsinki. Kif il-Kummissjoni nnotat fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, dan jagħti lok għad-domanda ta' jekk il-ħsara mġarrba meta oġġetti ppakkjati ġewwa bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in jintilfu għandhiex tkun ikklassifikata bħala "ħsara f'bagalji" jew bħala "telf ta' bagalji".

29. L-Artikolu 17(2) tal-konvenzjoni jgħid li "It-trasportatur huwa responsabbli għad-danni sofferti fil-każ ta' distruzzjoni jew telf ta' jew dannu lil bagalji kkontrollati [taħt ċerti kundizzjonijiet] [...]". L-Artikolu 31(2) jipprovdi li lmenti dwar ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in għandhom isiru lit-trasportatur fi żmien sebat ijiem mid-data tal-wasla tal-bagalji. Madankollu, ma hija ffissata ebda skadenza speċifika fl-Artikolu 31 għal ilmenti dwar bagalji mitlufa [9].

30. Fil-fehma tiegħi mod aħjar kif jista' jiġi kklassifikat it-telf ta' oġġetti minn bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in huwa bħala "ħsara f'bagalji". F'dan ir-rigward il-kriterju li jiddistingwi għandu jkun jekk il-bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in ikunux waslu għand il-passiġġier (għalkemm f'inqas minn kundizzjoni perfetta), kif ġara f'dan il-każ, jew lanqas biss ma jkunu waslu.

31. L-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Montreal jgħid li r-riċevuta mill-persuna intitolata għall-kunsinna ta' bagalji kkontrollati mingħajr ilment hija prova *prima facie* li l-bagalji jkunu ġew ikkunsinnati f'kundizzjoni tajba. Kif jirċevihom il-passiġġier ikun f'qagħda li jiddetermina jekk il-bagalji jkunux f'kundizzjoni tajba jew le, inkluż jekk il-bagalji jkunux intatti. Jekk tkun saret xi ħsara l-passiġġier għandu jippreżenta lment fit-terminu preskritt u fil-forma meħtieġa biex jippreserva d-drittijiet tiegħu. Malli t-trasportatur ikun għadda l-bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in, huwa ma jkollux kontroll fuqhom u jkollu mezzi limitati biex jivverifika jekk ħsara pretiża sussegwentement kinitx iġġarrbet waqt li l-bagalji kienu fil-kustodja tiegħu, jew jekk il-bagalji kinux attwalment ġarrbu ħsara wara li jkunu ġew ikkunsinnati. Dan it-tħassib japplika iktar u iktar meta oġġetti jingħad li jkunu nieqsa minn bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in. Huwa, għalhekk, raġonevoli li l-passiġġier ikun jeħtieġlu jirrapporta kull ħsara fil-bagalji fi żmien qasir wara li jkunu ġew ikkunsinnati. Bl-istess

9 L-Artikolu 17(3) jgħid biss li jekk it-trasportatur jammetti t-telf tal-bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in, jew jekk il-bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in ma jkunux waslu meta jkunu skadew il-wieħed u għoxrin jum mid-data li fiha kellhom jaslu, il-passiġġier ikun intitolat jinforza kontra t-trasportatur id-drittijiet li joħorġu mill-kuntratt tat-trasport, mingħajr ma jsemmi ebda limitazzjoni dwar il-waqt jew il-forma tal-ilment, ħlief il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet prevista fl-Artikolu 35, li jipprovdi li d-dritt għad-danni jintemm jekk ma tinġiebx azzjoni fi żmien sentejn.

mod, ilment dwar ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in jew fil-kontenut tagħhom aktarx li jkun iktar kumpless milli s-sempliċi dikjarazzjoni li "l-bagalja tiegħi ntilfet". Huwa, għalhekk, raġonevoli li, fl-interess li l-affarijiet jiġu trattati b'mod effiċjenti u mingħajr diffikultajiet, li tkun meħtieġa *reġistrazzjoni bil-miktub* ta' tali lment.

32. Ma jkunx hemm dan it-tħassib meta bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in jintilfu. It-trasportatur ikun aċċetta l-kustodja tal-bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in. It-telf ikun seħħ waqt li l-bagalji kienu fil-ħarsien tat-trasportatur. Għalhekk, ma jkunx hemm l-istess ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti formali dwar perijodi ta' avviż jew li tiġi preskritta l-forma tal-avviż li għandu jingħata. Irrid nosserva wkoll li, sa fejn ma jkunx hemm "riċevuta" mill-passiġġier – skont it-tifsira tal-Artikolu 31(1) – tal-bagalji li jkunu *ntilfu* (din tkun, tabilħaqq, il-problema kollha tal-passiġġier!), jidhirli li ebda parti tal-Artikolu 31 ma tkun tista' ssir applikabbli f'ċirkustanzi li fihom bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in ma jkunux instabu u qatt ma jkunu twasslu lill-passiġġier.

33. Għalhekk, nikklassifika riċevuta minn passiġġier ta' bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in b'kontenut nieqes bħala riċevuta ta' bagalji li jkunu "bil-ħsara", iktar milli bħala "telf ta' bagalji". Għaldaqstant, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 31 huma applikabbli.

*Avviż għandu jkun bil-miktub fil-perjodu tas-sebat ijiem biex ikun validu?*

34. L-Artikolu 31(4), li jżomm milli tittieħed azzjoni kontra t-trasportatur jekk ma jsirx ilment fit-termini previsti, ma jinkludix riferiment espliċitu għat-talba li tkun qiegħda "ssir bil-miktub". Dan ir-rekwiżit huwa previst espressament biss fl-Artikolu 31(3). Dan jagħti lok għall-mistoqsija dwar x'ikunu l-konsegwenzi ta' lment f'waqtu f'forma li ma tkunx tissodisfa r-rekwiżit li l-ilment "isir bil-miktub".

35. Wieħed jista' jargumenta li t-trasportatur ikun avżat ladarba l-ilment ikun sar verbalment; u li r-rekwiżit dwar kitba huwa biss rekwiżit ta' evidenza. Madankollu, din l-interpretazzjoni ma hijiex, fil-fehma tiegħi, sostnuta minn sempliċi qari tat-test tal-Artikolu 31. L-Artikolu 31(3) jgħid li "Kull ilment għandu jsir bil-miktub" u jingħata jew jintbagħat fil-perijodi previsti. Din ir-regola ġenerali timplika li lment mhux miktub ikun difettuż għall-finijiet tal-Konvenzjoni ta' Montreal. Il-konsegwenza loġika jidher li hija li biex ikun ippreservat id-dritt ta' azzjoni, l-ilment għandu jsir mhux biss fil-perijodi speċifikati, imma wkoll (u f'dawn il-perijodi) "bil-miktub".

36. Għalhekk nissuġġerixxi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda għandha tkun li skont il-Konvenzjoni ta' Montreal, azzjoni kontra trasportatur għal ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in hija prekluża meta l-ilment ikun sar fit-termini stabbiliti fl-Artikolu 31(2) iżda jkun naqas milli jissodisfa r-rekwiżit li jkun sar "bil-miktub" skont it-tifsira tal-Artikolu 31(3) tal-konvenzjoni.

## *Fuq it-tieni domanda*

37. Permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandux jiġi interpretat bħala li jfisser li r-rekwiżit dwar kitba jista' jiġi ssodisfatt bi proċedura elettronika bħal, pereżempju, ir-reġistrazzjoni tat-talba fis-sistema ta' informazzjoni tat-trasportatur.

38. Għalkemm din id-domanda tirrigwarda biċ-ċar jekk kitba fuq il-midja elettronika tikkwalifikax bħala lment magħmul "bil-miktub", il-qorti tar-rinviju hawnhekk essenzjalment qiegħda tistaqsi jekk il-Konvenzjoni ta' Montreal għandhiex tiġi interpretata bħala li tfisser li huma biss dokumenti miktuba fuq il-karta (il-midjum konvenzjonali ta' komunikazzjoni bil-miktub meta l-Konvenzjoni ta' Montreal kienet abbozzata) li jikkostitwixxu talbiet validi skont l-Artikolu 31(3) tagħha. Jekk il-konvenzjoni ma għandhiex tkun interpretata b'mod tant ristrett, liema huma t-tipi ta' midja li fuqhom jista' jsir ilment, malli jkun ġie sottomess, biex jitqies li jkun "bil-miktub"?

39. Ikun utli l-ewwel nett li wieħed ifakkar x'inhi "kitba" u l-għanijiet li jinqdew mir-rekwiżit li avviż għandu jingħata "bil-miktub".

40. Il-kitba ilha parti mill-istorja tal-bniedem sustanzjalment għal żmien itwal minn kemm ilu jtir. Testi miktuba nħolqu fuq għadd kbir ta' midja differenti li tvarja minn twavel tat-tafal, parċmina, karta u papiru sa stikek tar-runa u lapidi tal-irħam u tal-granit – u, l-iktar reċenti, midja elettronika. Dawn it-testi kollha jidhru li huma "bil-miktub" fit-tifsira ordinarja tagħha.

41. "Bil-miktub" f'dawn il-każijiet tiddeskrivi l-istat komplut tat-test kif jitniżżel u jiġi rreġistrat għall-posterità. *Ma hijiex* dikjarazzjoni dwar l-ispirazzjoni għat-test jew il-kitba tiegħu. Għalhekk huwa wisq improbabbli li *l-awtur* tad-digriet maħruġ f'Memphis, l-Eġittu, fis-sena 196 QK f'isem ir-Re Tolomew V kien il-persuna li attwalment naqqxet l-ittri tat-tliet verżjonijiet paralleli (fi skritt ġeroglifiku, skritt demotiku u Grieg antik) fi stele granodijorita – imma dan ma jnaqqasx mill-mertu tal-konklużjoni li t-test li rriżulta tal-Ħaġra Rosetta huwa "bil-miktub".

42. Meta wieħed joqgħod jaħseb x'jiddistingwi messaġġ f'forma miktuba minn wieħed mgħoddi bil-fomm, id-differenzi ewlenin li jispikkaw huma l-permanenza tal-forma miktuba u l-karattru rikuperabbli tagħha. Dikjarazzjonijiet bil-miktub ġeneralment jistgħu jiġu arkivjati u rkuprati, u jistgħu jiġu wkoll iċċertifikati b'diversi modi biex tissaħħaħ il-prova, *inter alia*, tal-oriġini tagħhom, tal-kontenut mhux mittiefes tagħhom u taż-żmien li fih ikunu ngħataw.

43. Stqarrijiet bil-fomm, għalkemm il-partijiet jistgħu jiftakruhom mill-memorja tagħhom, huma wisq inqas adatti bħala prova; u sikwit ikun hemm nuqqas ta' qbil dwar x'kien eżattament intqal jew mistqarr u meta dan ikun preċiżament seħħ.

44. Rekwiżit li kliem irreġistrati biss fuq il-karta jkun biżżejjed bħala li jkun "bil-miktub" ma jirriflettix it-tifsira ordinarja tal-kelma "kitba". Sa fejn tali rekwiżit jeskludi forom ta' komunikazzjoni (bħal fax u, dan l-aħħar, l-email) li jintużaw kuljum fil-kummerċ, fl-industrija u fin-negozju, dan ikun jidher, tabilħaqq, bħala interpretazzjoni antikwata x'wieħed jadotta. Lanqas ma jagħmel sens fil-kuntest ta' vvjaġġar modern bl-ajru u fil-mod kif kumpanniji tal-ajru jaġixxu mal-klijenti tagħhom. Huwa fatt magħruf minn kulħadd li kumpanniji tal-ajru jużaw b'mod estensiv komunikazzjoni elettronika meta jittrattaw mal-klijenti tagħhom – inkluż xiri ta' biljetti on-line, check-in on-line, boarding passes elettroniċi u informazzjoni on-line b'rabta ma' proċeduri dwar talbiet. Interpretazzjoni restrittiva tal-kelma "bil-miktub", għalhekk, tkun tidher ukoll li tkun kuntrarja għal għan iddikjarat tal-Konvenzjoni ta' Montreal, jiġifieri biex "tiġi assigurata l-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi" (kif irrikonoxxut fit-tielet premessa tal-konvenzjoni). Fil-qosor, ma nsib ebda rekwiżit espliċitu fil-Konvenzjoni ta' Montreal li lment bil-miktub għandu jsir fuq karta; u ma nara ebda raġuni li tikkonvinċini għaliex kitba fuq midja elettronika ma għandhiex tikkwalifika bħala lment "miktub" sakemm il-kitba inkwistjoni tkun tissodisfa l-għanijiet li huma l-bażi tar-rekwiżit.

45. Huwa minnu li xi miżura addizzjonali ta' prattiċità u xi forma ta' rekwiżit ġenerali li l-partijiet jaġixxu in *bona fide* għandhom ikunu interpretati fid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Montreal dwar avviż ta' talbiet. Jekk trasportaturi għandhom jittrattaw l-ilmenti ta' passiġġieri bil-ħeffa, ċerti forom ta' avviż bil-miktub ta' lmenti (pereżempju, fuq ċangatura tal-blat jew tavla tat-tafal) jistgħu

jkunu inqas utli minn oħrajn[10]. Għall-kuntrarju, ilment li għall-finijiet prattiċi kollha jkun jissodisfa r-rekwiżiti ta' forma miktuba ma għandux ma jitqiesx minħabba l-assenza fiżika ta' biċċa karta. Għalhekk, interpretazzjoni tal-kelma "bil-miktub" għandha, naħseb jiena, b'mod sensibbli tqis l-għan tar-rekwiżit, kwistjonijiet ta' prattiċità u użu komuni fiż-żmien tal-fatti rilevanti. Hija ma tistax, mingħajr ma twassal għal riżultati assurdi, tinjora l-mod li bih negozji normalment jagħmlu negozju mal-klijenti tagħhom.

46. Dan iż-żmien hija prattika normali fin-negozju f'ħafna setturi tal-ekonomija li dokumenti jiġu skanjati u jinħażnu f'forma elettronika biss, u jiġu stampati kopji fuq il-karta ta' dawk id-dokumenti biss kif u meta jkun speċifikament meħtieġ.

47. Finnair ma ssuġġeritx li "l-kitba" fuq il-hard-drives tas-sistema ta' informazzjoni tagħha tonqos milli sservi l-għanijiet li dokumenti jkunu permanenti u jkunu jistgħu jiġu rkuprati b'mod adegwat daqs il-kitba fuq il-karta. F'termini ta' konservazzjoni u ta' qerda din tal-aħħar hija paragunabbli għal sistema kompjuterizzata sostnuta sewwa u, bla dubju, huwa iktar probabbli li karta titqiegħed fil-post il-ħażin jew tintilef, milli jekk dokument jitqiegħed f'fajl elettroniku li tkun tista' ssir tfittxija fih minn fuq il-midjum elettroniku rilevanti. Bl-istess mod lanqas ma ġie ssuġġerit li "paper trail" elettroniku huwa inferjuri għal paper trail fuq "hard copy" (jiġifieri fuq il-karta) għall-finijiet ta' dokumentazzjoni meta informazzjoni dwar ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in tkun ġiet innotifikata lit-trasportatur, kif ukoll kull emenda jew żieda li jsiru wara fiha.

48. Fil-fehma tiegħi, jekk l-informazzjoni meħtieġa dwar ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in tkun inkitbet fuq midjum ta' permanenza li minnu tkun tista' tiġi rkuprata u tkun għand it-trasportatur u fil-kontroll tiegħu, dan għandu jkun biżżejjed biex it-talba titqies li tkun "bil-miktub" għall-finijiet tal-Konvenzjoni ta' Montreal. F'dan ir-rigward ma jkunx jimporta jekk il-midjum li jaħżen l-ilment ikun karta, u l-mezzi ta' rkupru jkunu jinkludu li wieħed imur f'arkivju fiżiku, jiġbed kexxun u jieħu l-kopja fuq karta, jew jekk il-midjum ikun hard drive ta' kompjuter u l-mezzi ta' rkupru jkunu l-ftuħ tal-fajl rilevanti u l-qari tiegħu fuq skrijn ta' kompjuter (jew jiġi stampat fuq karta).

49. F'dan il-każ, ċertifikat fiżiku ta' talbiet, stampat fuq karta, kien inħareġ minn Finnair u ngħata lill-passiġġiera, li użatu fit-talba tagħha kontra l-kumpannija ta' assigurazzjoni tagħha. Skont l-analiżi tiegħi, ma huwiex meħtieġ li dak id-dokument jiġi prodott biex it-talba tkun saret bil-miktub. Il-passaġġ f'kitba tal-informazzjoni li Mäkelä-Dermedesiotis tat bit-telefon lir-rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti ta' Finnair seħħ meta dak ir-rappreżentant kien daħħal l-informazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni ta' Finnair. Madankollu, il-fatt li l-istess aġent jew aġent ieħor tas-servizzi għall-klijenti ta' Finnair, billi kklikkja fuq il-buttuna "print", seta' joħroġ ċertifikat fuq karta li seta' jservi (u fil-fatt serva) bħala prova tat-talba *vis-à-vis* il-kumpannija ta' assigurazzjoni tal-passiġġiera, jenfasizza l-fatt li Finnair kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar it-talba li hija setgħet tikseb f'forma miktuba.

50. Konsegwentement, nissuġġerixxi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li r-rekwiżit dwar kitba jista' jkun issodisfatt bi proċedura elettronika, inkluż b'reġistrazzjoni tat-talba tal-passiġġier fis-sistema ta' informazzjoni tat-trasportatur.

10 Studenti tad-dritt komuni Ingliż ilhom jieħdu wisq pjaċir bl-istorja (fittzja) tas-Sur Albert Haddock, li kien ħallas il-kont tiegħu tat-taxxa lil-HM Inland Revenue billi kiteb ċekk għas-somma dovuta fuq dahar baqra (Board of Inland Revenue vs Haddock: il-kawża dwar il-baqra negozjabbli). Ippubblikata għall-ewwel darba fil-magażin satiriku *Punch* bħala parti mis-serje tal-awtur dwar *Misleading Cases in the Common Law*, kisbet imbagħad fama kważi leġġendarja bħala parti minn kollezzjoni ta' parodiji serji simili: ara A.P. Herbert, Uncommon Law (Methuen, 1935) – jew, jekk din ma tkunx tista' tinkiseb faċilment, ara https://en.wikipedia.org/wiki/Board_of_Inland_Revenue_v_Haddock.

### *Fuq it-tielet domanda*

51. Permezz tat-tielet domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal ikunux issodisfatti jekk rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti jirreġistra l-ilment bil-miktub, kemm jekk fuq il-karta jew elettronikament fis-sistema ta' informazzjoni tat-trasportatur, f'isem il-passiġġier.

52. Ma huwiex ikkontestat li r-rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti ta' Finnair irreġistra l-informazzjoni mogħtija minn Mäkelä-Dermedesiotis fis-sistema ta' informazzjoni ta' Finnair. Għalhekk il-passiġġiera kienet kemm *is-sors* tal-informazzjoni u *l-awtriċi sostantiva* tal-ilment. Sussegwentement, Finnair ħarġet ċertifikat lil Mäkelä-Dermedesiotis, li hija bagħtitilha. Ma huwiex ċar jekk Finnair żammitx kopja fuq il-karta ta' dak iċ-ċertifikat għall-fajls tagħha.

53. Filwaqt li t-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju kienet dwar "xi tfisser 'bil-miktub'", it-tielet domanda tagħha tindirizza l-kwistjoni: "jekk il-passiġġier innifsu għandux jagħmel l-ilment bil-miktub; jew jekk huwiex biżżejjed li l-ilment isir bil-kitba fuq inizjattiva tiegħu stess u taħt id-direzzjoni tiegħu?"

54. It-test tal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal *ma jgħidx* fis-sens li l-ilment "għandu jsir bil-miktub *mill-passiġġier*". Anzi l-Artikolu 31(2) jgħid li "Fil-każ ta' dannu, il-persuna intitolata għall-kunsinna għandha tilmenta lit-trasportatur [f'ċerti limitazzjonijiet ta' żmien stretti]"; u l-Artikolu 31(3) jillimita lilu nnifsu li jeżiġi li "Kull ilment għandu jsir bil-miktub u jingħata jew jintbagħat fiż-żminijiet imsemmija fuq"[11]. Naċċetta li t-test Franċiż, billi jsegwi r-regoli tas-soltu tal-abbozzar legali Franċiż (li jittendi juża nomi iktar milli verbi) u juża n-nom "protestation" kemm fl-Artikolu 31(2) u fl-Artikolu 31(3), iktar donnu jimplika li l-passiġġier innifsu għandu *joħloq* l-ilment (il-"protestation") fil-forma miktuba, li mbagħad hija "remise ou expédiée" (mogħti jew mibgħut) lit-trasportatur. Madankollu, it-test Ingliż, permezz tal-użu tal-verbi, huwa iktar flessibbli. Il-verb "għandha tilmenta" tal-Artikolu 31(2) jindika biss li l-ilment għandu *joriġina* "mill-persuna intitolata għall-kunsinna" (is-suġġett ta' dak il-verb). Il-verb "għandu jsir" tal-Artikolu 31(3) għandu l-ilment tal-passiġġier bħala s-suġġett tiegħu. Dan ma jwassalx awtomatikament għall-konklużjoni li l-ilment kellu jinħoloq bil-miktub mill-passiġġier innifsu. Anzi, jiddeskrivi dak li għandu jkun hemm fi tmiem il-proċess tal-ilment (jiġifieri lment bil-miktub) biex l-ilment ikun validu.

55. Il-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-Konvenzjoni ta' Montreal huma ugwalment awtentiċi[12] Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-KVDT, l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandu jiġi "interpretat *in bona fide*, skont is-sens ordinarju li għandu jingħata lit-termini tal-[konvenzjoni] fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tas-suġġett u tal-għan [tal-konvenzjoni]". Jidhirli li l-kliem attwali jagħti l-opportunità biex wieħed jara jekk ilment li *joriġina mill-passiġġier* iżda li jsir fil-forma miktuba minn xi ħadd ieħor ikunx jista' jitqies bħala lment validu jekk tali interpretazzjoni tissodisfa aħjar l-għan u l-iskop tal-Konvenzjoni ta' Montreal skont il-kundizzjonijiet tas-seklu wieħed u għoxrin.

56. Hawnhekk ninnota wkoll li l-konvenzjoni ma tistipulax li l-ilment għandu jkun iffirmat; jew titlob l-użu ta' posta reġistrata (jew xi forma oħra speċifika ta' kunsinna) biex tinġieb prova tal-oriġini tal-ilment. Tabilħaqq, il-konvenzjoni ma titlobx li wara kollox l-ilment jintbagħat bil-posta: l-Artikolu 31(3) jgħid biss li l-ilment "għandu […] jingħata jew jintbagħat". Il-konvenzjoni lanqas ma

11 It-test Franċiż għandu "En cas d'avarie, le destinataire doit adresser au transporteur une protestation immédiatement après la découverte de l'avarie […]" (Artikolu 31(2)) u "Toute protestation doit être faite par réserve écrite et remise ou expédiée dans le délai prévu pour cette protestation" (Artikolu 31(3)). Minħabba li l-istruttura grammatika tal-Ispanjol tixbah, f'dan ir-rigward, lil dik Franċiża, ma huwiex ta' sorpriża li t-test Franċiż bl-istess mod juża l-istess nom ("una protesta") kemm fl-Artikolu 31(2) kif ukoll fl-Artikolu 31(3) ("[…] el destinatario deberá presentar una protesta […]" u "Toda protesta deberá hacerce por escrito y darse o expedirse dentro de los plazos mencionados", rispettivament).

12 Il-konvenzjoni kienet saret "fil-lingwa Ingliża, Għarbija, Ċiniża, Franċiża, Russa u Spanjola, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi".

tirregola kif għandu jkun hemm prova tal-kontenut u ta' meta ssir talba jekk il-partijiet wara ma jaqblux bejniethom dwar dawk il-kwistjonijiet (jew tabilħaqq, ma jaqblux dwar jekk wara kollox ikunx sar ilment). Dan kollu jitħalla għar-regoli proċedurali tal-Istati Kontraenti. L-ilment sempliċement iservi biex jgħid xi tkun it-talba tal-passiġġier lit-trasportatur. Ma jidhirx li għandu xi effett legali ieħor.

57. Għalhekk xejn fil-kliem attwali tal-Konvenzjoni ta' Montreal ma jipprekludi passiġġier milli jitlob l-għajnuna ta' xi ħadd ieħor biex jittrasforma *l-ilment li jkun jixtieq jagħmel* f'forma miktuba.

58. Ejjew insemmu żewġ eżempji ovvji.

59. Passiġġier A huwa negozjant. Meta żvojta l-bagalja tiegħu li kienet għaddiet miċ-check-in wara safra fuq negozju, innota b'dispjaċir li kienet ġiet sgassata u li bosta oġġetti kienu għebu. L-għada huwa jsejjaħ fl-uffiċċju tiegħu lis-segretarja tiegħu u jiddettalha l-informazzjoni meħtieġa permezz ta' ittra xotta xotta. Hija tittajpjaha. Huwa jniżżel l-inizjali tiegħu f'qiegħ il-karta stampata (b'mod illeġibbli) u jgħidilha tibgħatha. Hija tiskanja l-karta stampata u tibgħatha b'email lill-kumpannija tal-ajru.

60. Passiġġier B itir lejn destinazzjoni 'l bogħod biex jibda btala jterraq għal ħmistax-il jum. Jasal tard bil-lejl u meta jiġbor ir-rucksack li huwa kien għadda miċ-check-in isib li dan kien ġarrab ħsara. Ma hemm ħadd fl-uffiċċju mmarkat "Information" u t-trasport sussegwenti li kellu jieħu kien appik li jitlaq. Hemm sinjal kbir bl-Ingliż internazzjonali li jgħid "Bag problem? Ring (numru tat-telefon)". Iħarbex in-numru u, l-għada fil-għodu (waqt li kien għad kellu sinjal), juża t-telefon ċellulari tiegħu biex jagħmel kuntatt mal-istaff tal-ground handling biex jippreżenta l-ilment tiegħu. L-aġent tas-servizzi għall-klijenti jdaħħal l-informazzjoni fid-database kompjuterizzata tal-kumpannija tal-ajru u jibgħat messaġġi testwali b'anness għat-telefon ċellulari tal-passiġġier B, b'kopja għall-email tiegħu.

61. L-ilment ta' passiġġier A kien ipproċessat b'mod elettroniku minn persuna li kienet qed taġixxi direttament skont kif kien qed jgħidilha hu, ġie stampat, imbagħad reġa' ġie ttrasformatu f'forma elettronika u mibgħut. Dan jinvalidah? Għandha tagħmel xi differenza kieku n-negozjant iffirma l-ittra b'mod sħiħ milli inizjalha (jew ma ffirmaha xejn), jew kieku s-segretarja batgħitha b'posta rreġistrata?

62. Passiġġier B sab ruħu f'sitwazzjoni li fiha b'mod prattiku kien impossibbli għalih li personalment jagħmel l-ilment tiegħu bil-miktub u jibagħtu lill-kumpannija tal-ajru fi żmien sebat ijiem minn meta kienet waslitlu r-rucksack li ġarrbet il-ħsara. Kumpanniji tal-ajru sikwit jużaw staff tal-ground handling biex jittrattaw problemi dwar bagalji mitlufa f'ajruporti fejn huma ma jkunux preżenti fiżikament. L-istaff tal-ground handling ma kienx hemm meta kienet waslet it-titjira ta' passiġġier B; iżda kien hemm numru ta' kuntatt. Passiġġier B għamel li kellu jagħmel eżattament kif kien mitlub biex jippreżenta l-ilment tiegħu f'waqtu mal-istaff tal-ground handling biex jiġi trasmess lit-trasportatur.

63. Fiż-żewġ eżempji tiegħi l-ilment b'mod ċar joriġina mill-passiġġier. *Huwa l-ilment tal-passiġġier*. Kien sempliċement ittrasformat f'kitba minn xi ħadd ieħor. B'riżultat ta' dan hemm issa reġistrazzjoni ċara bil-miktub tal-kontenut tal-ilment. Jidhirli li dan jissodisfa l-għan u l-iskop tal-Konvenzjoni ta' Montreal. Biex ngħidha b'mod iktar formali, għandu jkun biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal li l-kitba ssir *f'isem il-passiġġier* jew *skont l-istruzzjonijiet tal-passiġġier*, biex l-informazzjoni li tkun il-bażi tal-ilment tkun ġejja b'mod ċar mingħand il-passiġġier u l-ilment li jkun iddaħħal ikun effettivament jaqbel mat-talba tal-passiġġier.

64. Ma narax raġuni għaliex ir-rappreżentant ta' trasportatur ma għandux ikun jista' jirreġistra t-talba bil-miktub f'isem il-passiġġier. Negozji, inklużi kumpanniji tal-ajru, ta' kull jum iwettqu servizzi għall-klijenti tagħhom – xi drabi bi ħlas għal dak l-att speċifiku, iżda sikwit b'rabta mal-provvista ta' servizzi oħra jew mal-kunsinna ta' oġġetti li l-klijent ikun ħallas għalihom. Tali assistenza ta' spiss

tkun tinkludi għajnuna lil klijenti dwar ilmenti [13].

65. Passiġġier jista’ leġittimament jistenna li r-rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti tat-trasportatur jaġixxi in *bona fide* u jdaħħal l-ilment fil-forma miktuba fis-sistema ta’ informazzjoni tat-trasportatur għat-trattament ta’ lmenti – u, *a fortiori*, meta d-dipartiment tas-servizzi għall-klijenti joħroġ ċertifikat bħala konferma tad-dħul fis-sistema kompjuterizzata.

66. Il-fatti ta’ dan il-każ ma humiex straordinarji. Fit-termini speċifikati passiġġier iċempel lis-servizzi għall-klijenti ta’ trasportatur fuq *numru tat-telefon mogħti mit-trasportatur għal dak l-għan* biex jagħti avviż dwar talba dwar bagalji li ġarrbu ħsara. Ir-rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti tat-trasportatur, f’isem il-passiġġier, jikteb u jipproċessa l-informazzjoni mogħtija mill-passiġġier (normalment, daż-żmien, elettronikament). Ikun hemm l-elementi kollha meħtieġa għat-trasportatur biex iħares l-interessi tiegħu. Ir-rappreżentant tat-trasportatur stess, meta jirreġistra l-informazzjoni mogħtija mill-passiġġier, żgur li aktarx mhux ser jesaġera t-talba għall-benefiċċju ta’ dan tal-aħħar. Passiġġier tipiku li jivvjaġġa bħala konsumatur naħseb li ma jkunx qed jistenna li jkun jeħtieġlu jagħmel l-eżerċizzju addizzjonali (*prima facie* irrilevanti) li mbagħad iniżżel bil-miktub eżattament l-istess informazzjoni li rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti tat-trasportatur ikun għadu kif daħħal fis-sistema ta’ informazzjoni tat-trasportatur u jibgħatha huwa stess lit-trasportatur.

67. Għalkemm fl-aħħar mill-aħħar din hija kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-qorti nazzjonali, bħala l-unika mħallef tal-fatti, jidhirli li f’tali ċirkustanzi hemm talba valida magħmula bil-miktub skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta’ Montreal.

68. Fl-aħħar nett nosserva li interpretazzjoni bi skop tal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta’ Montreal tkun taqbel mal-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur identifikat fit-tielet premessa tagħha u mal-approċċ favorevoli għall-konsumatur adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tagħha tad-dritt tal-passiġġieri għal kunpens mingħand kumpanniji tal-ajru skont ir-Regolament Nru 261/2004 (ir-Regolament dwar Passiġġieri bl-Ajru) [14].

69. Għalhekk nissuġġerixxi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tielet domanda għandha tkun li r-rekwiżiti tal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta’ Montreal ikunu ssodisfatti jekk ir-rappreżentant tas-servizzi għall-klijenti tat-trasportatur jirreġistra l-ilment bil-miktub, kemm jekk ikun fuq il-karta jew b’mod elettroniku fis-sistema ta’ informazzjoni tat-trasportatur, f’isem il-passiġġier.

## *Fuq ir-raba’ domanda*

70. Permezz tar-raba’ domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta’ Montreal jagħmilx ilment suġġett għal iktar rekwiżiti sostantivi milli li jingħata avviż lit-trasportatur tal-ħsara mġarrba.

71. Ikun biżżejjed jiġi osservat li l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta’ Montreal (kif jindika t-titolu tiegħu) jitkellem esklużivament dwar dak li jikkostitwixxi “notifika fil-ħin tal-pretensjonijiet”. Għalhekk dan jirrigwarda biss il-kundizzjonijiet minn qabel li għandhom jiġu ssodisfatti biex azzjoni kontra t-trasportatur tkun ammissibbli (jiġifieri, li l-ilment għandu jiġi ppreżentat f’waqtu u bil-miktub). Jekk

13 Ara, pereżempju, id-deskrizzjoni li hemm fil-Bureau of Labor Statistics, U.S. Department of Labor, Occupational Outlook Handbook, Customer Service Representatives, li jinsab fuq l-Internet fi https://www.bls.gov/ooh/office-and-administrative-support/customer-service-representatives.htm (aġġornat fit-30 ta’ Ottubru 2017). Taħt it-titolu “What Customer Representatives Do”, dak il-manwal jgħid “Rappreżentanti ta’ servizzi għall-klijenti jaġixxu flimkien mal-klijenti biex *jittrattaw ilmenti*, jipproċessaw ordnijiet u jagħtu informazzjoni dwar prodotti u servizzi ta’ organizzazzjoni” [traduzzjoni libera] (enfasi miżjuda).

14 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta’ kanċellazzjoni jew dewmien twil ta’ titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10). Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta’ Novembru 2009, Sturgeon *et* (C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, u tat-23 ta’ Ottubru 2012, Nelson *et*, C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657).

dawn il-kundizzjonijiet *ma jkunux* issodisfatti, allura – ħlief fil-każ ta' frodi min-naħa tat-trasportatur – ebda azzjoni ma tkun ammissibbli (Artikolu 31(4)). Meta dawk il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti, azzjoni kontra t-trasportatur għandha tkun ammissibbli. Jekk it-trasportatur jikkontesta t-talba, jekk dik l-azzjoni għandhiex, meta jasal iż-żmien, tirnexxi jew tfalli jkun jiddependi mill-osservanza ta' regoli applikabbli ta' proċedura u ta' provi u mill-materjal sottomess quddiem il-qorti adita bil-kawża. Iżda ebda waħda minn dawn il-materji ma hija indirizzata mill-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal.

72. Għalhekk inqis li r-risposta għar-raba' domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal ma jagħmilx l-ammissibbiltà ta' lment suġġetta għal rekwiżiti sostantivi, ħlief li avviż lit-trasportatur għandu jingħata fit-termini u fil-forma speċifikati minn dan l-artikolu.

**Konklużjoni**

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq nissuġġerixxi li b'risposta għad-domandi preliminari tal-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja), il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej:

(1) Azzjoni kontra trasportatur għal ħsara f'bagalji li jkunu għaddew miċ-check-in hija prekluża skont il-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, iffirmata f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999, meta lment ikun sar fit-termini stabbiliti fl-Artikolu 31(2) iżda jkun naqas milli jissodisfa r-rekwiżit li jkun sar "bil-miktub" skont it-tifsira tal-Artikolu 31(3) tagħha.

(2) L-Artikolu 31(3) tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li r-rekwiżit dwar kitba jista' jkun issodisfatt bi proċedura elettronika, inkluż b'reġistrazzjoni tat-talba tal-passiġġier fis-sistema ta' informazzjoni tat-trasportatur.

(3) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal ikunu ssodisfatti jekk is-servizzi għall-klijenti tat-trasportatur jirreġistra l-ilment bil-miktub, kemm jekk ikun fuq il-karta jew b'mod elettroniku fis-sistema ta' informazzjoni tat-trasportatur, f'isem il-passiġġier.

(4) L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Montreal ma jagħmilx l-ammissibbiltà ta' lment suġġetta għal rekwiżiti sostantivi, ħlief li avviż lit-trasportatur għandu jingħata fit-termini u fil-forma speċifikati minn dan l-artikolu.